**20 ta' Novembru, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Godwin Zammit

## Serq - *Ragion Fattasi* - Approprjazzjoni Indebita

*Kif inhu risaput, fil-ġurisprudenza tagħna, dejjem ġie ritenut li s-serq jikkonsisti fil-kontrattazzjoni doluża tal-ħaġa ta' ħaddieħor, magħmula* invito domino *bi skop ta' lukru.*

*Ikun inutili li wieħed jiċċita mil-liġi Ingliża viġenti dwar is-serq, peress li n-nozzjoni tagħna tas-serq hi kompletament differenti minn dik Ingliża.*

*Li l-lukru fil-liġi tagħna jista' jikkonsisti anke fl-użu temporanju tal-ħaġa joħroġ ċar mid-disposizzjoni ta' l-artikolu 288 tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi li fil-każ ta' serq sempliċi, meta l-utili - il-lukru - li kellu fi ħsiebu l-ħati kien dak ta' l-użu biss tal-ħaġa li dik il-ħaġa jroddha minnufih, il-piena applikabbli hi dik tal-kontravvenzjonijiet.*

*Ġaladarba jkun hemm l-intenzjoni tas-serq għall-użu tal-ħaġa, ir-reat ta'* ragion fattasi *hu eskluż. Il-liġi tagħna tikkontempla dan ir-reat meta xi ħadd "... bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi ..." jagħmel xi ħaġa, bil-mod kif speċifikat fl-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali, a dannu ta' ħaddieħor.*

*Ġaladarba persuna tkun responsabbli ta' ġeneralità ta' oġġetti u ma jkunx ġie mogħti speċifikatament oġġett jew oġġetti in partikolari, u jieħu tali oġġett jew oġġetti, il-figura tar-reat li temerġi hi dik tas-serq u mhux ta' l-approprjazzjoni indebita.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva kontra Godwin Zammit talli f'Ħal Far, limiti ta' Birżebbuġa, fl-10 ta' Mejju, 1996 għall-ħabta tal-5.00 p.m. bħala mpjegat tal-Marsa Ship Yard, ikkommetta serq ta' travi tal-ħadid, li l-valur tagħhom ma jeċċedix il-ħames mitt lira (Lm500) iżda jeċċedi l-mitt lira (Lm100), għad-dannu tal-Marsa Shipbuilding Corp., liema serq kien ikkwalifikat bil-persuna u bil-valur;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-23 ta' Frar, 1998 li permezz tagħha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Godwin Zammit ħati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u ordnat, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 9 tal-Kap. 152, li l-istess Zammit jiġi lliberat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor fi żmien sena mid-data ta' l-imsemmija sentenza;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Godwin Zammit, minnu pprezentata fit-3 ta' Marzu, 1998 li permezz tiegħu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Il-fatti in breve kienu s-segwenti: l-appellant Zammit kien *foreman* inkarigat minn xi ħaddiema tal-Marsa Shipbuilding li kienu qed jagħmlu xogħol ta' kostruzzjoni ta' fabbrika f'Ħal Far. L-istess appellant kien ukoll impjegat mal-Marsa Shipbuilding. Fost il-materjal proprjetà ta' l-istess Marsa Shipbuilding li kien qed jintuża fil-kostruzzjoni ta' din il-fabbrika kien hemm travi ta' l-azzar magħrufa bħala l-*beams*. Ġurnata minnhom l-appellant iddeċida li jieħu xi seba' minn dawn it-travi d-dar tiegħu biex, skond hu, jużahom bħala puntali biex ikun jista' jsewwi *bay window* li kellha ħsara konsiderevoli. Għalhekk huwa għabba dawn it-travi fi *truck* ta' ħabib tiegħu, u baqa' sejjer bit-travi lejn id-dar. In-nuqqas ta' dawn it-travi, però, ġie innutat mill-ewwel u sar rapport mal-pulizija, l-għada stess l-Ispettur Angelo Baldacchino bagħat għall-appellant, li ammetta li t-travi kien ħadhom hu, u minnufih irritornahom fuq il-post tax-xogħol. Il-valur ta' dawn it-travi kien ta' aktar minn mitt lira iżda anqas minn elf lira. Hu ma kien talab il-permess ta' ħadd qabel ma qabad hu ħa t-travi in kwistjoni;

L-appellant, bażikament, jikkontendi li l-fatti ma jammontawx għal serq. Hu jgħid li ġaladarba hu ried biss jagħmel użu minn dawn it-travi għal xi ġimgħatejn u kellu l-ħsieb li jirritornahom wara li jkun hemm għamel użu minnhom, hu ried biss "jissellef" l-istess travi. *Din l-intenzjoni - li jissellef* it-travi - tfisser, dejjem skond l-appellant, li hu ma kellux l-intenzjoni li jippriva lil sid it-travi permanentement mill-istess

travi, b'mod għalhekk li jiġi nieqes l-element formali tas-serq. Dejjem skond l-appellant, hu aġixxa *in bona fede* peress li ma kellu ħadd immedjatament fuqu mingħand min jitlob permess, ma aġixxix furtivament, iżda fil-beraħ u quddiem ħaddieħor, u malli l-pulizija marru għandu hu kkoopera magħhom u minnufih irritorna t-travi fuq il-post tax-xogħol. Subordinatament, l-appellant jikkontendi li *in pessima ipotesi* dak li għamel kien jammonta għad-delitt ta' approprjazzjoni indebita jew għad-delitt ta' *ragion fattasi*;

Din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti, assolutament ma tistax taqbel ma' l-appellant. Il-fatti kif jemerġu mill-provi jinkwadraw ruħhom bħala każ klassiku ta' *furto d'uso*, jiġifieri fejn il-lukru kkontemplat mill-aġent hu dak li jagħmel użu temporanju tal-ħaġa bil-ħsieb speċifiku li l-oġġett eventwalment jirritornah lil sidu. Kif inhu risaput, fil-ġurisprudenza tagħna ġie dejjem ritenut li s-serq jikkonsisti fil-kontrattazzjoni doluża tal-ħaġa ta' ħaddieħor, magħmula *invito domino*, bi skop ta' lukru. Hu inutili għall-appellant li, kif għamel fir-rikors ta' appell kif ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet quddiem l-Ewwel Qorti (fol. 81 sa 85), joqgħod jiċċita mil-liġi Ingliża. Fil-każ in diżamina ċertament kien hemm il-kontrattazzjoni tat-travi. Din il-kontrattazzjoni kienet doluża fis-sens li l-appellant kien jaf li t-travi kienu jappartjenu lil Marsa Shipbuilding. Kif jispjega l-Carrara:

"*Il dolo ael furto consiste nella intenzione di arricchire se stesso, ed è dolo determinato, quantunque niente si vagheggi come fine dell'atto nostro il pensiero del dolore o del disastro patrimoniale che si reca all'offeso, ed a costituirlo basta che il ladro sappia che la cosa è altrui, senza che sia necessario che egli conosca a chi precisamente appartiene*" (Diritto Criminale, Vol. IV, Casa Editrice Fratelli Cammelli (Firenze), 1923, para. 2025, p. 35-36);

L-appellant ma kien talab il-permess ta' ħadd mis-superjuri tiegħu biex ikun jista' jieħu t-travi u l-iskop li għalih ħadhom kien wieħed ta' lukru, konsistenti f'dan il-każ, kif ingħad, fl-użu temporanju ta' l-istess travi. Li l-lukru fil-liġi tagħna jista' jikkonsisti anke fl-użu temporanju tal-ħaġa joħroġ ċar mid-disposizzjoni ta' l-artikolu 288 tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi li fil-każ ta' serq sempliċi, meta l-utili - il-lukru - li kellu fi ħsiebu l-ħati kien *dak ta' l-użu biss tal-ħaġa bil-ħsieb li* dik il-ħaġa jroddha minnufih, il-piena applikabbli hi dik tal-kontravvenzjonijiet;

Ġaladarba kien hemm l-intenzjoni tas-serq għall-użu tal-ħaġa, ir-reat ta' *ragion fattasi* kkontemplat fl-artikolu 85 hu, per definizzjoni eskluż. Il-liġi tagħna tikkontempla dan ir-reat meta xi ħadd "... bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi ..." jagħmel xi ħaġa, bil-mod kif speċifikat fl-istess artikolu, a dannu ta' ħaddieħor. Kwantu għall-approprjazzjoni indebita, ġaladarba l-appellant kellu l-kunsinna ta', ossia kien responsabbli minn, il-ġeneralità ta' l-oġġetti li kienu fuq il-post tax-xogħol u ma kienx ġie speċifikatament mogħti l-kunsinna tat-travi in kwistjoni, il-figura tar-reat li temerġi hi dik tas-serq (f'dan il-każ ikkwalifikat bil-persuna u bil-valur) u mhux ta' l-approprjazzjoni indebita (ara, a propositu, **Il-Maestà Tiegħu ir-Re *vs* Antonio Pisani**, Qorti Kriminali, 2/12/41, Vol. XXXI.IV.299);

Għall-motivi premessi, tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Il-perijodu ta' sena tal-liberazzjoni kundizzjonata jibda jiddekorri mil-lum.